# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Nru. 2281

**Kaz Nru. 2973/HW**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Kathleen Barlow**

**u**

**Pentasia Malta Co. Ltd. ( C 38099)**

**(Dwar tkeccija mill-Impieg allegata li hi ngusta).**

## Chairman : Is-Sur Harold Walls M.Sc., DPM, IPD(UK).

**Dan il-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Dikjarazzjoni tar-rikorrenti Kathleen Barlow, li gie prezentat fir-Registru tal-Qorti fil-15 ta' Novembru, 2011. Meta t-Tribunal Industrijali beda jisma' il-Kaz inkwestjoni, deheru r-rikorrenti li kienet assistita mill-Avukat Kenneth Grima u ghas-Socjeta ntimata deher is-Sur Frank Azzopardi li kien assistit mill-Avukat Matthew Brincat.**

**Fl'istqarrija tal-Kaz, ir-rikorrenti tghid li hija kienet giet impjegata mas-Socjeta fit-13 ta' Gunju 2008, bhala Accounts assistant u matul il-hajja ta' l'impieg taghha hija irceviet diversi zidiet.**

**Ir-rikorrenti tghid ukoll fl'istqarrija tal-kaz taghha li fit-13 ta' Ottubru 2011, hija irceviet ittra minghand il-Managing Director tas-Socjeta fejn gie allegat, li ghamlet diversi nuqqasijiet waqt il-qaghdi ta' dmirijietha. Bazikament hija giet informata, li minhabba traskuragini taghha u zbalji ohra gravi li wettqet repetutament wasslu,**

biex is-Socjeta tilfet wiehed mill-aktar klijenti prezjuzi li kellha u konsegwentament hija giet sospiza mix-xoghol. Hija tghid ukoll fl'istqarrija tal-Kaz taghha, li fl' 14 ta' Ottubru irceviet email minghand il-Human Resources Executive tas-Socjeta, fejn giet infurmata li in-nuqqasijiet taghha kienu tant gravi, li jekk jigu konfermati mill-Bord ta' Dixxiplina li kellu jiltaqgha fit-18 ta' Ottubru, kienu se jwasslu ghat-terminazzjoni ta' l-impieg.

Ir-rikorrenti tghid ukoll fl'istqarrija tal-Kaz taghha, li peress l-assistenza legali taghha ma kienx disponibbli ghad-data tas-smigh tal-kaz, hija talbet lis-Socjeta biex is-smigh tal-Kaz jigi sospiz ghal data ohra, liema talba giet milqugha u giet iffissata id-data tas-19 ta' Ottubru, 2011.

Ir-rikorrenti tghid ukoll fl'istqarrija tal-Kaz taghha, li meta flimkien mal-Avukat taghha marret ghal din il-laqgha biex jigu diskussi r-ragunijiet li tresqet ghad-dixxiplina, sabet ma wiccha persuna li qatt f'hajjitha ma kient rat qabel u li ma kienx la Direttur fil-Board tad-Diretturi tal-Kumpanija, la Manager ta' l-istess Kumpanija u lanqas impjegat tal-Kumpanija. Hija tghid ukoll li kien hemm persuna ohra, li kienet tafu bhala persuna li kienet tharreg il-managers impjegati mal-Kumpajia li donnu kien qed jaghmila ta' prosekutur. Kient hawn l-ewwel darba li kemm ir-rikorrenti kif ukoll il-kunsulent legali taghha fehmu illi dik il-laqgha ma kienitx intiza ghal xi forma ta' rikonciljazzjoni jew sabiex l-impjegata tkun fil-pozizzjoni tirribaddixxi l-akkuzi migjuba kontra taghha, izda aggudikatur nominat minn wara darha mis-socjeta konvenuta biex tigi mkeccija.

Ir-rikorrenti tghid ukoll fl'istqarrija tal-kaz taghha, li l-avukat li kien qed jirraprezentaha staqsa minn kienu dawk il-persuni u x'kienu qeghdin jaghmlu hemm meta it-talba kontenuta fl-ittra tal-14 ta' Ottubru 2011, kientet tindika biss li ser jitlaqgha Board meeting u ma kien hemm qatt imsemmi li dan kien xi Board ta' dixxiplina intiz bhala xi forma ta' Tribunal, meta hi lanqas biss kienet giet avzata li tista' ggib maghha avukat u meta l-intiza minnha mifhuma u mghoddija lill-avukat taghha, kien li l-laqgha kellha tkun laqgha ta' Konciljazzjoni, jew xi forma ohra

**ta' medjazzjoni. Fl'Istqarrija taghha hija tghid ukoll li fl-istess laqgha l-esponenti u l-Avukat taghha, wara li ghamlu verbal li ma jirrikonxxux l'hekk imsemmi Board ta' dixxiplina u li kien sta ghas-Socjeta intimata; li jew tittermina l-impjieg taghha jekk is-Socjeta jidhrila li ghanda tghamel hekk u wara hija tiehu dawk il-passi li tghatija l-Ligi u taghzel hi 'liema forum tmur biex tiehu d-drittijiet taghha u mhux li tigi fuqha imposta decizjoni gia mehuda qabel, f'konfoffa bejn dan is-suppost arbitru u l-management tas-socjeta intimata permezz ta' tribunal fazul u illegali li ma jista jissejjah xejn hlief kangaroo court. Hija tkompli tghid fl'Istqarrija taghha li dana partikularment meta r-ragunijiet kollha imsemmija fid-Disciplinary report, u li a bazi taghhom is-socjeta intimata kienet diga ddecidiet illi kienu tant serji li jimmeritaw it-tkeccija taghha mill-impjieg u liema allegazzjonijiet kienu kollha invertieri u ivvintati. Hija tghid ukoll li dan kien qieghed jinghad fid-dawl li billi hija kellha kull sitt xhur matul l-impjieg taghha, review mis-socjeta intimata u f'kull wiehed minn dawn ir-reviews almenu sitta u forsi anke seba dejjem harget "with flying colours", bl-ahhar review li fih ghaddiet ukoll "with flying colours" ikun madwar xaharejn qabel ma rceviet it-tnax il-akkuza indikati fid-Disciplinary report, li pingewha bhala l-akbar xitan. Hija tghid ukoll, li difficli wiehed jemmen dak il-kontenut fid-Disciplinary report u cioe being or could have set a bad example to other employees, repeated erratic performance, bringing the company's name into ill repute, insubordination u l-bizibilju ta' akkuzi ohra li is-socjeta intimata tefatulha ma wiccha, meta fl-istess nifs u xaharejn biss qabel kienu l-istess akkuzaturi li kienu ftahru kemm ghandhom impjegata tajba u onesta.**

**Fl'isqarrija tal-Kaz ir-rikorrenti tghid ukoll, li difficli iktar u iktar wiehed jemmen kif employer jista jaghti awment minn sena ghal sena minhabba l-kapacitajiet taghha hames t'elef ewro fil-perjodu wara s-sitt xhur probation u hekk, hinn bla waqt, ghax din baghtet invoice lill-klijent tal-kumpanija li wara rega intbghat l-istess invoice minn impjegat iehor tal-kumpanija, jigu biex jakkuzawha bil-mod li ghamlu u aghar jghidulha illi ta dan kienet hatja ta' "gross misconduct" li taghhom id-dritt ikkeccuha minghajr lanqas biss jaghtuha warning. Hija tghid ukoll, li mhux hekk biss imma meta marret ghand il-management wara li kien gie tterminat l-**

**impieg taghha kien gharrafha, li jekk ma tirrezenjax kienu se jnizzlu fuq il-formola tat-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-ETC l-akkuzi kollha li kienu akkuzawha bihom bil-konsegwenza, li ma kienx ikun facli ghalija li ssib impieg iehor.**

**Fl'istqarrija taghha hija tkompli tghid, li giet mgharfa mill-management tas-Socjeta fil-21 ta' Ottubru 2011, biex hi tghati ragunijiet lill-management fejn tghid ghaliex m'ghandiex tigi mkeccija mill-impieg. Ir-rikorrenti tghid ukoll, li hija irceviet ittra ohra minghand is-Socjeta datata 26 ta' Ottubru 2011, fejn giet infurmata li kienet qed tittermina l-impieg taghha.**

**Ir-Rikorrenti ttemm l-istqarrija tal-Kaz taghha, fejn titlob lit-Tribunal Industrijali biex jiddikjara li t-terminazzjoni ta' l-impieg taghha kienet ingusta u bi ksur tal-ligi.**

**Ghas-Socjeta intimata da parti taghha qalet, li preliminarjament u minghajr pregudizzju ghal-fatti segwenti, kif jidher car mil-kuntratt ta' l-impieg tar-rikorrenti annessa mad-dikjarazzjoni taghha, il-Kumpanija intimata m'hijiex il-Kumpanija li impjegat lir-rikorrenti. Hija tghid ukoll, li l-Kumpanija appellata titlob lit-Tribunal jghati dawk il-provedimenti necessarji f'dan ir-rigward. Is-Socjeta tghid ukoll, li r-rikorrenti kienet impjegata mas-socjeta Pentasia Management Services Limited bhala Accounts Assistant fl-14 ta' Lulju 2008, fuq kuntratt indefenit.**

**Is-Socjeta tghid ukoll fl'istqarrija tal-Kaz taghha, li l-impieg tar-rikorrenti gie tterminat principalment minhabba sensiela ta' zbalji li wasslu lil Kumpanija biex tiddeciedi li, r-rikorrenti kienet hatja ta' gross misconduct li kien jimmerita tkeccija skond il-proceduri u l-policies tal-Kumpanija. Is-Socjeta tghid ukoll, li kif gie ippruvat waqt s-smiegh, fil-5 u fis-6 ta' Ottubru 2011, kien hemm skambju ta' e-mails fejn kienet involuta r-rikorrenti, li wassal lill-klijent tal-Kumpanija intimata, u cioe Sportingbet, biex titlob lil management tal-Kumpanija biex tappunta lil xi hadd iehor biex jiehu hsieb l-accounts ta' Sportingbet peress, li ma kienux kuntenti bix-xoghol tar-rikorenti u ghalhekk il-Kumpanija tghat struzzjonijiet lir-rikorrenti,**

**biex ma tikkomunikax aktar mal-klijent inkwistjoni u biex tghaddi il-korrispondenza kollha lil management tal-kumpanija biex huma jahdmu ma dan il-klijinet direttament. Is-Socjeta tghid ukoll li fl'10 ta' Ottubru 2011, ir-rikorrenti xorta wahda bghatet invoice direttament lill-Sportingbet, liema invoice kien wkoll zbaljat. Is-Socjeta tghid ukoll li kien dakinhar stess, li ir-rikorrenti baghtet l-istess invoice lill-management tal-Kumpanija biex huma jibaghtuha lil l-istess klijent, minghajr ma nfurmat lil-management li kienet bghatet l-invoice lil dan il-klijent partikolari.**

**Fl'Istqarrija taghha s-Socjeta tghid ukoll, li fil-11 ta' Ottubru ir-rikorrenti regghet bghatet email ohra lil dan il-klijent tal-kumpanija, liema klijent kien jghaddi hafna xoghol lil-kumpanija intimata. Is-Socjeta tghid ukoll, li wara dan l-incident dan il-klijent waqaf jahdem mal-Kumpanija intimata u m'ghadux jatihom aktar xoghol sal-gurnata ta' llum. Fl'Istqarrija taghha is-Socjeta tghid ukoll, li kien ghalhekk fit-13 ta' Ottubru il-management tal-Kumpanija intimata kiteb lir-rikorrenti biex tattendi laqgha mal-Bord ta' dixxiplina tal-Kumpanija intimata fejn hi kienet ser tinghata l-opportunita biex taghti l-verzjoni fuq il-Kaz taghha. Is-Socjeta tghid ukoll, li din il-laqgha saret fis-19 ta' Ottubru, izda ir-rikorrenti flimkien ma' l-avukat taghha iddeciedew li ma jibqawx ghal din il-laqgha ghaliex skond l-avukat taghha, ma kienx qed jistenna Bord ta' dixxiplina, izda kien qed jistenna laqgha ta' Konciljazzjoni u ma kienx qed jaqbel kif kien kompost il-Board ta' Dixxiplina.**

**Fl'Istqarrija taghha is-Socjeta tghid ukoll, li ghalhekk xorta wahda il-Kumpanija bghatet ittra ohra lir-rikorrenti biex hi tkun tista' taghti il-verzjoni taghha bil-miktub, izda ir-rikorrenti baqghet ma wegbitx. Is-Socjeta tghid ukoll li ghalhekk wara l-episodji hawn fuq deskritti, il- Kumpanija hasset li ma kella ebda triq ohra hlief dik li tittermina l-impieg tar-rikorrenti permezz ta ittra datata s-26ta' Ottubru, 2011.**

**Mill-provi jirrizulta li l-kuntratt ta' impieg sar fit-14 ta' Lulju, 2008, bejn ir-rikorrenti u Pentasia Management Services Limited, fejn ma giex indikat il-**

**Company No ta' din is-Socjeta. Kif jinghad mill-istess kuntratt; li t-tifsira ta' dan il-kuntratt ghal finijiet tal-Kumpanija, ghandha tinkludi wkoll kull Kumpanija u Kumpaniji sussidjari li tinkludi Pentasia Limited. Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-ittra tal-21 ta' Ottubru 2011, li intbghatet lir-rikorrenti sabiex tghati l-verzjoni taghha dwar il-kaz ta' dixxiplina kienet mahruga fuq letter head ta' Pentasia Malta Ltd. Invista ta' dawn il-fatti, it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li Pentasia Malta Company Limited (C 38099) hija responsabbli mill-impieg tar-rikorrenti.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li ir-rikorrenti giet impjegat fl'14 ta' Lulju, 2008 bhala Accounts assistant u matul il-hajja ta' l-impieg taghha ma kellix kazi ta' dixxiplina. Mill-provi jirrizulta wkoll, li matul l-impieg taghha l-performance kienet sodisfacenti u ghal dan giet moghtija zidiet regolari fis-salarju taghha.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll li l-Kaz inkwestjoni kien; meta fis-6 ta' Ottubru ir-rikorronti bghatet invoice lis-Sur Bagnold tal-Kumpanija Sporting Bet, fejn ir-rikorrenti ghamlet zball fid-deskrizzjoni izda l-figuri kienu tajbin. Waqt ix-xhieda jirrizulta, li hija irrevediet l-invoice u skuzat ruha mal-klijent. Mill-provi jirrizulta wkoll, li ir-rikorrenti giet avvicinta mis-Sur Delia fejn dan infurmaha li s-Sur Bagnold ma riedtx li jircievi xoghol min ghandha. Mill-provi jirrizulta wkoll, li is-Sur Delia qallha li kull invoice li jkollha x'taqsam ma din il-Kumpanija tghaddiehom lilhu u hu jiehu hsieb li jghaddiehom lis-Sur Bagnold.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li ir-rikorrenti giet avvicinata minn Urtza Zumaquero fejn talbieta kopja ta' l-invoices sabiex tghaddiehom lid-Dipartiment tal-Finanzi tal-Kumpanija Sporting Bet. Mill-provi jirrizulta wkoll, li ir-rikorrenti ghaddiet dawn l-invoices. Mill-provi jirrizulta wkoll, li konsegwenza ta' dan ir-rikorrenti giet akkuzata li ma segwitx id-direttiva tas-Sur Delia, li ma tghamilx kuntatt ma din il-Kumpanija, kif ukoll li l-invoices li bghatet ma kienux korretti. Mill-provi jirrizulta wkoll, li ir-rikorrenti qalet waqt ix-xhieda, li hija fehmet li hi mhux ma kellix tghamel kuntatt ma din il-Kumpanija, izda id-direttivi li kellha kienu biex ma tghamilx kuntatt mas-Sur Bagnold. Mill-provi jirrizulta wkoll, li dan l-incident**

**wassal biex il-Kumpanija Sporting Bet ma tibqax tahdem fil-qasam ta' l-accounts mas-socjeta intimata.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li dan l-incident wassal biex is-Socjeta tinizjala proceduri ta' dixxiplina fil-konfront tar-rikorrenti, fejn fost affarijiet ohra akkuzata b'negligenza u li ma segwitx l-ordnijiet tas-superjuri taghha. Mill-provi jirrizulta wkoll, li is-socjeta harget "Charge" lir-rikorrenti u appuntat Board ta' dixxiplina biex jittratta l-kaz taghha. Mill-provi jirrizulta wkoll, li ir-rikorrenti oggezzjonat ghal kompozizzjoni tal-Board ta' Dixxiplina u ghazlet li ma tiddefendix il-kaz taghha quddiemu. Mill-provi jirrizulta wkoll, li minkejja li ir-rikorrenti ghazlet li ma tiddefendix il-kaz taghha quddiem il-Board ta' Dixxiplina, is-Socjeta regghet tghat opportunita ohra lir-rikorrenti permezz ta' ittra datata 21 ta' Ottubru 2011, sabiex tghati l-verzjoni taghha dwar il-Kaz inkwestjoni, izda ir-rikorrenti ghazlet li ma twegibx ghal din l-ittra mibghuta mis-Socjeta. Konsegwentament, is-Socjeta itterminat l-impieg tar-Rikorrenti fuq bazi dixxiplinarja.**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra l-Kaz inkwestjoni u l-ewwel kunsiderazzjoni li jiehu huwa l-ilment tar-rikorrenti dwar il-proceduri dixxiplinarji relatati mal-Kaz inkwestjoni, partikularment il-kompozizzjoni tal-Board ta' dixxiplina li kellha tidher quddiemu, sabiex tissottometti l-verzjoni taghha biex tiddefendi ruha mill-allegazzjonijiet migjuba kontrija mis-Socjeta intimata.**

**Ghaldaqstant, meta it-Tribunal Industrijali jezamina l-process ta' dixxiplina addottat mis-socjeta ma jsibx li dan il-process jikser xi provedimenti tal-ligi. It-Tribunal Industrijali hu ta' din il-fehema ghar-raguni, li sakemm il-kompozizzjoni tal-Board ta' dixxiplina ma jkunx regolat bi Ftehim Kollettiv jew b'xi Ligi, hija responsabilita tal-Kumpanija li tikkostittwixxi u tappunta l-persuni biex jisimghu kaz ta' dixxiplina. Ma dan, it-Tribunal Industrijali meta jezamina l-process ta' dixxiplina jsib; li s-socjeta agixxit b'modd korrett meta nfurmat bil-miktub u minn qabel ma ir-Rikorrenti dehert quddiem il-Board ta' dixxiplina bl'akkuzi li kienu se jingiebu fil-konfront taghha. It-Tribunal Industrijali jinnota wkoll, li meta ir-**

**Rikorrenti resqet quddiem il-Board ta' Dixxiplina ma kienx hemm oggezzjoni mill-Board ta' Dixxiplina li hija tidher biex tiddefendi l-Kaz taghha ma persuna ta' l-ghazla taghha. F'dawn il-Kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jinnota wkoll, li minkejja ghal-laqgha msemmija ir-rikorrenti ghazlet li ma tiddefendix il-kaz taghha quddiem l-imsemmi Board ta' dixxiplina, l-istess socjeta regghat tghat l-opportunita lir-rikorrrenti permezz ta' ittra datata 21 ta' Ottubru 2011, biex hi tghati ir-ragunijiet ghaliex il-management m'ghandux jiehu passi dixxiplinarji fil-konfront taghha.**

**Invista ta' dawn il-fatti, dan it-Tribunal Industrijali jasal ghal konkluzzjoni li l-Board ta' dixxiplina kellu dritt, li skond l-evidenza li kellu quddiemu jasal ghal konkluzjoni li kien hemm ragunijiet biex jittiehdu passi dixxiplinarji fil-konfront tar-rikorrenti.**

**B'danakollu, dan it-Tribunal Industrijali huwa wkoll obbligat li jara li l-mizura ta' dixxiplina li tigi mposta fuq l-impjegat, tkun wahda gusta u ma tkunx decizjoni sproporzjonata. Invista ta' dan, meta dan it-Tribunal Industrijali jezamina l-kaz inkwestjoni, skond il-provi migjuba quddiemu jsib li bazikament il-kaz kien jittratta zball genwin fil-komunikazzjoni bejn ir-rikorrent u is-superjuri taghha, fejn hija regghet ikkomunikat mal-klijent wara li kellha struzzjonijiet biex kull komunikazzjoni tigi mghoddija mis-superjur taghha. It-Tribunal Industrijali hu tal-fehema, li l-akkuzi li hargu fil-konfront tar-Rikorrenti kienu esageriti u sproporzjonati mal-kaz inkwestjoni.**

**Invista ta' dan, it-Tribunal Industrijali hu tal-fehema li ghalkemm il-Board ta' dixxiplina ddecieda l-kaz skond l-evidenza li kellu quddiemu, pero kien obbligat li fid-decizjoni tieghu jiehu nkonsiderazzjoni, li r-rikorrenti qatt ma kellha kaz iehor ta' dixxiplina matul il-hajja ta' l-impieg taghha, kif ukoll li f'diversi okkazzjonijiet il-performance taghha fuq ix-xoghol kienet wahda sodisfacenti tant li f'diversi okkazzjonijiet hija giet moghtija awment fis-salarju taghha.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizjonali tal-partijiet isib u jasal ghal konkluzzjoni, li l-kaz ma kienx jimmerita tkeccija mill-impieg u d-decizjoni ta' terminazzjoni ta' l-impieg kienet wahda harxa u estrema u l-Board ta' Dixxiplina setgha kkunsidra mizuri dixxiplinarji ohra minflokk dik ta' tkeccija. Ghaldaqstant, dan it-Tribunal Industrijali jiddeciedi, li fil-waqt li ir-rikorrenti m'ghandix tinghata l-impieg lura, hija ghandha tigi moghtija kumpenss ta' €4,200 (erbgha t'elef u mitejn euro) liema kumpenss ghandu jithallas mis-socjeta lir-rikorrenti, fi zmien hmistax il-gurnata mid-data ta' din id-decizjoni.**

**Minhabba differimenti mill-partijiet u nuqqas ta' facilitajiet ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).**

**B'hekk tintem din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**Iffirmat : Harold Walls**
**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**
**A/Segretarja**

**Data : 27 ta' Marzu, 2014**